REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1142/2013

tat-12 ta' Novembru 2013

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Chaource (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fir-reġistru tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Chaource", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1326/2008 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fir-reġistru, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 20.
([4]) ĠU C 159, 5.6.2013, p. 7.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

FRANZA

Chaource (DPO)